Illum, l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Quddiemi, Nutar Dottor Anna Maria Mizzi, dehru personalment, wara li vverifikajt l-identita' tal-partijiet minn dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:

L-Ewwel Parti tal-Att

Joseph Buttigieg, pensjonant, imwieled Qala, Ghawdex fil-21 ta' Mejju 1934, ghandu karta tal-identita' numru 36134(G), **Consolata sive Consiglia Buttigieg**, [illegible] minghajr okkupazzjoni, imwielda Qala, Ghawdex fil-14 ta' [illegible] 1946, ghandha karta tal-identita' numru 24446(G), u **Theresa Buttigieg**, xebba minghajr okkupazzjoni, imwielda Qala, Ghawdex fil-25 ta' Awwissu 1938, ghandha karta tal-identita' numru 65538(G), ahwa Buttigieg, ulied il-mejtin Michael Buttigieg u Maria nee' Strazziera, residenti lkoll Qala, Ghawdex, flimkien maghrufa bhala "l-ahwa Buttigieg".

Il-komparenti ahwa Buttigieg jiddikjaraw u jippremettu:

Illi huma gew ordnati jersqu ghal dan l-att ta' divizjoni ta' proprjeta' in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012), annessa ma dan l-att u mmarkata bhala dokument "A", u tad-digriet moghti mill-istess Qorti fil-erba' (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013), anness ma dan l-att u mmarkat bhala dokument "B".

Illi huma komproprjetarji tas-segwenti proprjeta':

1. Id-dar numru hamsa (5), Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, in parti sottoposta ghal beni ta' terzi, murija fuq il-pjanti hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti ittri "SM" u numri sbatax, tmintax u dsatax (SM17, SM 18 u SM19) u murija delineata bil-kulur orangjo u ndikata bl-ittra "C" fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument ittri "SM" numru zero tlieta (SM03), tal-valur ta' mitejn u tmenin elf Ewro (€280,000);
2. Porzjon raba' maghruf bhala "tal-Qolla l-Wieqfa", sive "ta' Strickland", sive "ta' mal-forn", limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka elf, erba' mija u tmienja u tletin metri kwadri (1,438 m.k.), konfinanti Lvant ma' Triq in-Nadur, min nofsinhar in parti ma' beni tal-eredi ta' Ganni Buttigieg u in parti ma' beni tal-kondividenti, u mit-tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Nazzareno Buttigieg, jew is-successuri fit-titolu taghhom, jew irjieh verjuri, murija ndikata bl-ittri "A" u "B" fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument ittri

Anna Maria Mizzi LL.D. NOTARY PUBLIC AND COMMISSIONER FOR OATHS

Arkivre Arkivre

"SM" numru zero tlieta "SM03", tal-valur ta' tmien mija u tletin elf Ewro (€830,000);

3. Porzjon raba' ossia mandra maghrufa bhala "tal-Patrijiet" sive "tas-Salib" limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka erba' mija u sittin metri kwadri (460 m.k.), konfinanti mill-Lvant ma' Triq in-Nadur, min nofsinhar ma Triq ir-Rebha, u mill-Punent ma' beni ta' Joseph Muscat, jew is-successuri fit-titolu tieghu, jew irjieh verjuri, murija indikata bl-ittri "D" u "E" fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument ittri "SM" numru zero tlieta "SM03", tal-valur ta' tlett mija u disghin elf Ewro (€390,000);
4. Porzjon raba' maghrufa bhala "tal-Birka", limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tlett mija u sitta u tmenin metri kwadri (386 m.k.), konfinanti mill-punent ma' beni ta' Anthony Gleeh, min nofsinhar ma' beni fil-pussess ta' Michael Buttigieg, u mill-lvant ma beni ta' certu Ganni li kunjomu mhux maghruf, jghidulu "il-kexkux", jew is-successuri fit-titolu taghhom, jew irjieh verjuri, murija delineata bil-kulur ahmar u ndikata bin-numru tnejn (2) fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument ittri "SM" numru hamsa (SM5) tal-valur iddikjarat mill-partijiet ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin Ewro (€824);
5. Zewg porzjonijiet raba' maghrufa bhala "tan-Nemes", limiti tal-Qala, Ghawdex, wahda tal-kejl ta' cirka sitt mija u tmienja u ghoxrin metri kwadri (628 m.k.), konfinanti min nofsinhar ma passagg jew entrata fir-raba', mill-lvant ma' beni ta' Grazio Grima, u mit-tramuntana ma beni tal-familja Mejlaq, jew is-successuri fit-titolu taghhom, jew irjieh verjuri murija delineata bil-kulur ahmar u mmarkata bhala numru tlieta ittra "a" (3a) fuq il-pjanta hawn annessi u mmarkati dokumenti ittri "SM" numru sebgha u numru tmienja (SM7 u SM8), kif ukoll delineata bl-ahmar fuq is-site-plan hawn annessa u mmarkata dokument "C" tal-valur iddikjarat mill-partijiet ta' elf tlett mija u erbghin Ewro (€1,340) u l-ohra tal-kejl ta' cirka sitt mija u tnejn u sittin metri kwadri (662 m.k.), konfinanti mill-lvant ma' beni tal-familja Buttigieg, mill-Lbic ma beni tal-familja Cutajar, u mit-tramuntana mal-familja Gauci, jew is-successuri fit-titolu taghhom, jew irjieh verjuri, murija delineata bil-kulur ahdar u indikata bhala numru tlieta ittra "b" (3b) fuq il-pjanti hawn annessi u mmarkati dokumenti ittri "SM" numru sebgha u numru tmienja (SM7 u SM8), u delineata bl-ahmar fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata dokument "D" , tal-valur iddikjarat mill-partijiet ta' elf erba' mija u tlettax-il Ewro (€1,413);
6. Porzjon raba' maghrufa bhala "ta' fejn tal-Baqra", limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tlett mija u disghin metri kwadri (390 m.k.), konfinanti min nofsinhar ma' beni ta' Joe Muscat, mit-tramutnana ma' beni ta' Joseph Mifsud, u mill-Lvant ma' beni tal-familja Debono, jew is-successuri fit-titolu taghhom, jew irjieh verjuri murija delineata bil-kulur ahmar u ndikata bin-numru erbgha (4) fuq il-pjanti hawn annessi u mmarkati dokumenti ittri "SM" numru disgha u